MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 166/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Tonna talli:

(1) fis-17 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 10:00hrs gewwa l-Barriera ta' Comba, Limiti ta' Hal Far, Zurrieq ghamel hsara volontarja fuq il-vettura Reg. No. HBC795 ta' l-ghamla Toyota liema vettura hija tal-kumpanija Stephen & Joseph Tonna Bros. Ltd liema hsara tammonta ghal sitta u sebghin euro u sittin centezmu (€76.60);

(2) fl-istess data, lok u hin kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u mod iehor;

(3) fl-istess data, lok u hin hedded u nsulenta bi kliem lil huh Joseph Tonna.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz li ssib lill-imsemmi Stephen Tonna hati, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghas-sigurta` ta' Joseph Tonna;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen Tonna hati ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 325(c) tal-Kap. 9, ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, u ma sabitux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minn dawk l-imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Stephen Tonna pprezentat fl-20 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn illiberatu mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, filwaqt li thassar u tirrevoka l-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal xahar prigunerija sospiz ghal sena, u tilliberah minn din l-imputazzjoni, u f'kaz li din il-Qorti ssib il-htija, tirriforma s-sentenza fis-sens li taghti piena aktar moderata u idoneja ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li kellu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni stante li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kkagunata; (2) li l-vettura ma kinitx ta' "haddiehor" izda ta' l-istess appellant u huh; (3) li l-att li wettaq l-appellant kien imgieghel iwettqu bl-agir ta' huh; (4) li l-piena kienet harxa wisq konsiderando li kien hemm provokazzjoni da parti ta' huh.

B'referenza ghall-ewwel imputazzjoni l-appellant jghid illi giet esebita stima biss li certament mhijiex l-ahjar prova dwar il-hsara li garrbet il-vettura in kwistjoni. Jirreferi ghall-appell kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** deciz fl-24 ta' Frar 2003. F'dik il-kawza kien hemm aggravju simili dwar stima. Il-Qorti qalet:

**"L-istima … hija opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."**

Issa, mill-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-ewwel Qorti fit-13 ta' April 2010 jirrizulta li l-unici provi kienu l-affidavit ta' P.S. 386 Joe Cauchi li sarlu kontro-ezami, u stima. Kwantu ghall-valur tal-hsara, f'dan il-kaz la saret stima ta' perit, la gie kkonfermat l-valur tal-hsara mill-parti leza u lanqas ma giet apprezzata direttament mill-gudikant il-hsara in kwistjoni. L-istima a fol. 4 giet esebita mill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Carlos Cordina, u kull ma jirrizulta mill-affidavit ta' P.S. 386 Joe Cauchi li l-appellant ammetta mieghu li kisser hgiega ta' vettura Toyota. Lanqas ma jinghad x'mudell ta' Toyota u liema hgiega nkissret. F'tali cirkostanzi, stante li ma jirrizultax il-valur tal-hsara kagonata, izda fl-istess hin jirrizulta li saret hsara, ir-reat ipotizzat irid jitqieghed fil-parametri tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u mhux fil-paragrafu (c), cioe` fejn il-valur tal-hsara ma jkunx jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ta' "haddiehor". L-appellant stess pero` jghid li l-vettura kienet tieghu u ta' huh, mela mhux tieghu biss. Barra minn hekk ma jidhirx kontestat li l-vettura kienet tappartjeni lis-socjeta` Stephen & Joseph Tonna Bros. Ltd. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tielet u r-raba' aggravji, l-ewwel Qorti accettat illi l-agir ta' l-appellant kien skuzabbli minhabba provokazzjoni. Issa, galadarba din il-Qorti kkonkludiet li l-artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli, u galadarba kien hemm provokazzjoni da parti tal-parti leza, huwa applikabbli l-ewwel *proviso* ta' l-artikolu 325(1) li jipprovdi li meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta, fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (d), il-hati jehel il-piena tal-kontravvenzjonijiet. Ghalhekk f'dan il-kaz sejjer ikun hemm temperament fil-piena sabiex jirrifletti din id-disposizzjoni tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li kkaguna hsara kif akkuzat fl-ammont ta' sitta u sebghin euro u sittin centezmu (€76.60) u minflok issibu hati talli fis-17 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 10:00hrs gewwa l-Barriera ta' Comba, Limiti ta' Hal Far, Zurrieq ghamel hsara volontarja fuq il-vettura Reg. No. HBC795 ta' l-ghamla Toyota liema vettura hija tal-kumpanija Stephen & Joseph Tonna Bros. Ltd liema hsara ma tiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija sospiz ghal sena u minflok, a tenur ta' l-artikolu 325(1)(d) u l-ewwel *proviso* ta' l-artikolu 325(1)(d) tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------